**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Frar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummisarju Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Paul Spagnol u**
**Francis Ebejer**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Paul Spagnol** ta' 40 sena bin Paul u Doris Bezzina imwieled Pieta` fit-28 ta' Mejju1967 u joqghod Flat 32, Blokk VIII Bieb D, Triq il-Ballut, San Gwann I.D. 224267M, u

**Francis Ebejer** ta' 60 sena, iben Joseph u Victoria Grech, imwieled Sliema fil-1 ta' Awwissu 1947 u joqghod 53, Triq St. Elena, Sliema I.D. 720047M.

Akkuzati:

1. talli ghall-habta ta' 12:15a.m. tal-25 ta' Ottubru 2007 gewwa Tas-Sliema, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Mohammed Touarha, f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Mohammed Touarha jew gabulu disordni f'mohhu, liema offiza hija gravi li gabet periklu tal-hajja jew ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Mohammed Touarha jew marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed jew inkella ghal daqshekk zmien, izzomm lil Mohammed Touarha milli jmur ghax-xoghol tieghu u dan kif iccertifika Dr David Camilleri M.D. tal-Iptar San Luqa. Dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew ghall-persuna ta' Mohammed Tuoarha sabiex jingurjawh idejquh jew jaghmlulu hsara;

3. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamlu lil Mohammed Touarha ingurji jew theddid jew jekk kienu ipprovokati ingurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

4. **Francis Ebejer** wahdu gie akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi u anke f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru 2007 u granet qabel din id-data, zamm u garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. **Francis Ebejer** wahdu gie akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi waqt li kien qed jghamel reat kontra l-persuna ta' Mohammed Touarha, kellu fil-pusess tieghu arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u dan bi ksur tal-Kap. 480 Artiklu 55.

6. **Francis Ebejer** wahdu gie akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi qabad arma tan-nar kontra Mohammed Touarha.;

7. **Francis Ebejer** wahdu gie akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi u anke f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru 2007 u granet qabel din id-data, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra mil-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna dik l-arma jew il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz.

8. **Francis Ebejer** wahdu akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkommetta reat fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

9. **Paul Spagnol** wahdu gie akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti tal-Appell.

2. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2008, fejn deherlu li tista' tinstab htija fil-konfront taz-zewg imputati taht:

(a) l-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kodici Kriminali;
(b) l-Artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kodici Kriminali;
(c) l-Artikoli 5, 41, 55, 51 tal-Kap. 480;
(d) l-Artikoli 49, 50, 28B, 533 tal-Kodici Kriminali.

3. Semghet lill-imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-dawn il-proceduri kontrihom jigu ttrattati u decizi bil-procedura sommarja.[1]

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li l-Prosekuzzjoni ma ghamlitx sottomissjonijiet finali imma irrimettiet ruhha ghall-provi, u semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza taz-zewg imputati.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti

i. Fil-25 ta' Ottubru 2007 ghal habta ta' nofs il-lejl dahal fl-ghassa ta' tas-Sliema Mohammed Touarha, li kellu ferita fuq mohhu u ammont ta' demm fuq hwejgu.

[1] Ara fol. 225 tal-process.

ii. Tuoarha irrapporta li waqt li kien qed jiehu drink gewwa s-Sliema Wonderers Supporters Club mar fuqu l-imputat Francis Ebejer u qallu biex johrog barra ghax ried ikellmu.

iii. Meta hargu barra, Tuoahra allega li Ebejer ghamillu revolver ma rasu, fil-waqt li l-imputat Paul Spagnol beda jtieh b'serratizz fuq rasu.

iv. Huwa rnexxielu jahrab u tela' jigri biex jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

v. Tuoahra ittiehed l-isptar, fejn irrizulta mic-certifikat tat-tabib li kellu xi tlett *lacerated wounds* fondi fuq in-naha tax-xellug ta' rasu li jinzlu ghal fuq wiccu, kellu xi tbengil u grif superficjali fuq in-naha tax-xellug ta' sidru, kif ukoll ferita superficjali f'widintu l-leminija. Pero ma sofra l-ebda ksur ta' ghadam, lanqas f'rasu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

7. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tikkunsidra zewg eccezzjonijiet tal-imputati li huma ta' natura procedurali.

*L-Ewwel Eccezzjoni - L-Imputazzjonijiet dedotti kontra l-Imputat Paul Spagnol*

8. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali iddikjara li setghet tinstab htija taht id-disposizzjonijiet tal-ligi minnu indikati fil-konfront taz-zewg imputati. Ghaldaqstant, f'din in-nota huwa qed jixli ukoll lill-imputat Spagnol bi ksur ta' diversi disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li skond l-imputazzjonijiet fic-citazzjoni, li fuqha saret il-kumpilazzjoni, kien biss l-imputat Ebejer li kien mixli bi ksur tal-Kapitolu 480, u mhux ukoll l-imputat Spagnol. Ghalhekk, id-difiza tissottometti li l-imputat Spagnol ma jistax jinstab mixli bir-reati kontemplati fil-Kapitolu 480.

10. Minn qari tac-citazzjoni, huwa car li l-imputazzjonijiet numru 4, 5, 6 u 7 – li jikkontemplaw reati taht il-Kapitolu 480 – saru biss fil-konfront tal-imputat Ebejer.

11. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. ... ... Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

12. Ghalhekk, una volta li fic-citazzjoni l-imputat Spagnol ma giex mixli bl-imputazzjonijiet 4, 5, 6 u 7, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tar-reati tal-ksur tal-Kapitolu 480 fil-konfront tal-imputat Spagnol, liema reati l-Avukat Generali ziedhom fil-konfront tieghu fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju. Kif sewwa issottomettiet id-diffiza, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti m'hix ser tiehu konjizzjoni tar-reati taht il-Kapitolu 480 fil-konfront tal-imputat Spagnol.

13. Il-Qorti izzid tghid ukoll *ex officio*, li minn kif giet redatta n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, iz-zewg imputati jinsabu wkoll mixliji bi ksur ta' sentenza sospiza u bir-recidiva, meta minn qari tac-citazzjoni huwa car li skond it-tminn imputazzjoni, huwa l-imputat Ebejer biss li hu mixli li kiser sentenza sospiza, fil-waqt li skond id-disa' imputazzjoni huwa l-imputat Spagnol biss li hu mixli bir-recidiva. Ghaldaqstant, fl-eventwalita li ssib htija fil-meritu fil-konfront ta' wiehed jew iz-zewg imputati, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-

[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

imputazzjonijiet numru 8 u 9 kif gew redatti rispettivament fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg imputati.

14. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tad-difiza qed tigi milqugha.

*It-Tieni Kwistjoni- Li x-xhieda li kien taha Touahra m'ghandhix tigi ikkunsidrata minn din il-Qorti*

15. Dawn il-proceduri bdew fl-2007, u l-allegata vittma Touahra xehed fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2007.[3] Dak in-nhar id-difiza taz-zewg imputati kienet irrizervat il-kontro-ezamijiet. Pero fl-10 ta' Lulju 2008, l-Avukat Generali baghat nota ta' rinviju ai termini tal-Artikolu 432(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, u dan ghaliex l-atti kienu difettuzi, stante li ma gewx osservati t-termini stabbiliti mil-ligi. Ghaldaqstant, huwa ordna li l-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid.[4]

16. Id-difiza qed tissottometti li meta l-kumpilazzjoni regghet bdiet mill-gdid fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2008, iz-zewg imputati kienu ezentaw lill-Prosekuzzjoni milli terga' tharrek lix-xhieda mill-gdid biex jergghu jiddeponi, bl-eccezzjoni ta' Mohommed Touahra. Id-difiza tissottometti li ghalkemm id-dicitura tal-verbal m'hix daqstant felici, meta wiehed jara l-atti sussegwenti, huwa car li Touahra kellu jerga' jitla' jiddeponi. Touahra baqa' qatt ma gie ngunt biex jixhed sakemm il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, u fis-26 ta' Settembru 2008, l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju. Il-Prosekuzzjoni iddikjarat diversi drabi, anki fis-seduta li fiha saret it-trattazzjoni finali, li Touahra kien harab minn Malta u ma setghax jinstab, u kien ghalhekk li ma setghax jigi mharrek biex jixhed. Ghaldaqstant, id-difiza qed tissottometti li f'dawn il-proceduri, fejn l-imputati huma mixlija li ikkagunaw ferita gravi, ma hemmx xhieda tal-parte civile.

17. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-difiza u dan ghax, kif ser jigi spjegat, mill-atti jirrizulta li z-zewg imputati kienu effettivament irrinunzjaw - ghalkemm f'hinijiet differenti – li l-parte civile jerga' titla' tixhed.

---

[3] Ara fol. 58 sa 69 tal-process.
[4] Ara fol. 200 tal-process

18. Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2008, meta regghet bdiet il-kumpilazzjoni mill-gdid saru s-segwenti verbali:[5]

*"Dr. Charmaine Cherret ghan-nom ta' Paul Spagnol qed tezenta il-prosekuzzjoni milli jergghu jinstemghu x-xhieda mill-gdid b'eccezzjoni ta' Mohammed Touahra a fol. 58.*

*Aktar tard deher Dr Angelo Farruga ghal Francis Ebejer li jghid li mhux qed jinsisti li jerggha jinstemghu x-xhieda.*

*In vista li d-difiza ta' Pawlu Spagnol mhux qed tezenta l-prosekuzzjoni milli ma tergax iggib ix-xhieda ta' Mohammed Touaha u in vista tal-fatt li ghas-seduta tal-lum ix-xhud imsemmi Touarha ma setghax jigi rintraccat billi kif nfurmat lill-Qorti d-difiza ta' Pawlu Spagnol li Mohammed Touarha jinstab mahrub minn dawn il-gzejjer, jitlob illi wkoll x-xhieda ta' Mohammed Touarha ghandha tghodd ukoll ghan-nom ta' Paul Spagnol, ko-imputat ta' Francis Ebejer.*

*Il-Qorti qed tibghat ir-rinviju u l-prima facie."*

19. Minn dan il-verbal huwa car li d-difiza tal-imputat Spagnol ma ezentatx lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttella lil Touarha jerga' jixhed mill-gdid.

20. Ghalkemm il-verbal tal-avukat difensur tal-imputat Ebejer ma kienx daqshekk esplicitu, meta vverbalizza li ma kienx qed jinsisti li jerghu jinstemghu x-xhieda, minghajr ebda kwalifika, din tista biss tfisser li la darba ma kienitx qed tinsisti li jerga' jixhed Touarha, allura kienet qieghda implicitament tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttelghu jixhed.

21. Il-verbal fil-paragrafu ta' wara ma huwa xejn felici, u lanqas jinghad espressament min ghamlu, pero l-unika mod kif dan il-paragrafu ghandu jigi interpretat b'sens logiku, hu li dan il-verbal sar mill-Ufficjal Prosekutur. Mill-atti jirrizulta li din il-Qorti, diversament preseduta, riedet tiddeciedi jekk kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza, sabiex taghlaq il-kumpilazzjoni. Billi d-difiza ta' Spagnol kienet qed tinsisti li Touarha jerga' jixhed, izda l-Prosekuzzjoni kienet fl-impossibilita li tharrku fi zmien

[5] Ara fol. 201 tal-process.

hamest ijiem ghax kien mahrub minn Malta, l-Ufficjal Prosekutur talab li x-xhieda ta' Touarha li tifforma parti minn dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat Ebejer (ghax dan l-imputat ma insistiex li jerga' jixhed), tghodd ukoll ghal proceduri kontra l-imputat Spagnol, ghaliex dan huwa ko-imputat ma' Ebejer f'dawn il-proceduri.

22. Ghalkemm fil-verbal ma hemmx miktub li din il-Qorti, diversament preseduta, laqghet it-talba tal-Ufficjal Prosekutur, m'hemmx dubbju li implicitament laqghet din it-talba, ghaliex fil-fatt dak in-nhar stess tat digriet fejn iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed biex iz-zewg imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza.[6]

23. Huwa rilevanti li d-difiza ta' l-imputat Spagnol ma oggezzjonatx ghat-talba tal-Prosekuzzjoni, u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti implicitament laqghet it-talba li x-xhieda ta' Touarha tghodd ukoll fil-konfront tieghu. Kieku ma kienx hekk, kieku d-difiza ta' Spagnol kienet tissottometti li fin-nuqqas ta' xhieda ta' Touarha ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed prima facie sabiex l-imputat Spagnol jitqieghed taht att ta' akkuza. B'hekk id-difiza ta' Spagnol regghet lura mill-pozizzjoni inizzjali taghha li tinsisti li Touarha jerga' jitla' jixhed.

24. Huwa vera li fin-nota ta' rinviju sussegwenti, u cioe dik tal-14 ta' Awwissu 2008,[7] l-Avukat Generali *inter alia* talab lil din il-Qorti, diversament preseduta, terga' tisma' x-xhieda ta' Touarha. Pero dan sar b'kawtela stante li l-agir ta' difiza ta' Spagnol setghet tohloq xi dubbji dwar jekk effettivament irrinunzjatx li Touarha jerga' jixhed. Fi kwalunkwe kaz, zgur li l-Avukat Generali talab li Touarha jixhed biss fil-konfront ta' l-imputat Spagnol, ghax l-imputat Ebejer kien ezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttelghu jixhed.

25. Fis-seduta sussegwenti ma sar xejn, imbaghad fis-26 ta' Settembru 2008 l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju minghajr ma ghamel ebda riserva biex jinstema' Touarha.[8] Ghal diversi seduti ma sar xejn ghal raguni jew ohra, imbaghad fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2009, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li qed jaghlaq il-provi tieghu. Fl-istess seduta il-Qorti qrat in-nota ta' rinviju tal-gudizzju, u l-imputati ghazlu li l-proceduri kontrihom jigu decizi bil-procedura sommarja.

[6] Ara fol. 204 tal-process.
[7] Ara fol. 206 tal-process.
[8] Ara fol. 230 tal-process.

26. Fit-23 ta' Gunju 2009, id-difiza ta' Ebejer ipprezentat nota li permezz taghha esebiet kopja ta ittra li hija kienet baghtet lill-ufficjal Prosekutur fejn talbu sabiex ghas-seduta li kien imiss, iharrek lill-kwerelant *"bhala xhud ghall-kontro-ezami."*.[9] Din in-nota tnehhi kull dubbju – li fit-trattazzjoni orali finali d-difiza ta' Ebejer ipprovat titfa' – li meta fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2008 hija ma nsistietx li x-xhieda jergghu jixhdu, hija fil-fatt ma kinietx qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' tharrek ix-xhieda. Kieku verament id-difiza ta' Ebejer ma ridietx tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' tharrek ix-xhieda, jew ghall-inqas lil Touarha, hija certament ma kinietx se titlob lill-Ufficjal Prosekutur biex iharrku biex jixhed in kontro-ezami, ghax huwa ovvju li d-difiza ma tistax taghmel kontro-ezami ta' xhud li ma ttelghax jixhed mill-Prosekuzzjoni. Se mai, id-difiza setghet titlob lill-Ufficjal Prosekutur sabiex iharrku bhala xhud taghha, pero certament mhux biex taghmillu l-kontro-ezami. Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li l-intenzjoni tad-difiza ta' Ebejer fis-seduta tat-16 ta' Lulju 2008 kienet effettivament dik li tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttellgha x-xhieda kollha, inkluz Touarha, milli jergghu jixhdu.

27. Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2009 gie verbalizzat hekk:[10]
*"Id-difiza talbet li jkun prodott il-parte civile, Mohommed Touarha, <u>li xehed iktar kmieni f'dawn il-proceduri</u> izda is-Supretendent Stephen Gatt qed jghid li ma jistghux jirrintraccjaw din il-persuna."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

28. Il-Qorti tirrileva li f'dik is-seduta iz-zewg imputati kienu assititi mill-avukati difensuri taghhom, u l-verbal jghid biss li t-talba saret m*"(i)d-difiza"* u ma jispecifikax li saret minn avukat difensur ta' Ebejer biss.

29. Ghal diversi seduti wara din is-seduta rega' ma sar xejn. Din il-kawza imbaghad giet assenjata lil din il-Qorti, kif preseduta. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, saru s-segwenti verbali:[11]
*"Dr Edward Gatt* [ghall-imputat Ebejer] *qed jezenta lill-Qorti milli terga' tisma x-xhieda mismugha f'din il-kawza sa llum … …*
*Dr Marion Camilleri* [ghall-imputat Spagnol] *qed tezenta lill-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda mismugha f'din il-kawza sal-lum."*

[9] Ara fol. 237-238 tal-process.
[10] Ara fol. 240 tal-process.
[11] Ara fol. 262 tal-process.

30. F'dan il-verbal id-difiza ta' l-ebda wiehed mill-imputati ma deherilha li kellha tikkwalifika d-dikjarazzjoni taghha, fis-sens li tinsisti li Touarha jerga' jixhed quddiem din il-Qorti, kif issa ippreseduta. Ghalkemm fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2018 id-difiza ta' Spagnol kienet diga irrinunzjat implicitament ghat-talba inizjali taghha li jerga' jitla' jixhed il-parte civile, jekk ghall-grazzja tal-argument biss kien hemm xi dubbju fir-rigward, dan zgur tnehha fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, meta id-difiza ta' Spagnol ma talbitx li l-parte civile jerga' jitla' jixhed quddiem din il-Qorti, kif preseduta.

31. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019, gie registrat is-segwenti verbal:[12]
*"Id-difiza qed titlob li jigi ingunt ghall-kontro-ezami il-parte civile, u fid-differiment li jmiss, il-Prosekuzzjoni ghandha tiddikjara formalment dan ix-xhud hux ser jingieb jew le, sabiex id-difiza tirregola ruhha jekk titlobx l-isfilz tax-xhieda examination in chief tal-parte civile.*

*Kawza differita ghall-provi tad-difiza, u senjatament biex jixhed il-parte civile in kontro-ezami ghall-…. …"*

32. Ghalkemm il-verbal ma jispecifikax li t-talba qed issir mill-avukati difensuri rispettivi taz-zewg imputati, dan ma jistghax ikun mod iehor, ghax logikament kif diga inghad, il-parte civile ma setghax jixhed in kontro-ezami, qabel ma jixhed in ezami, u l-kawza giet specifikament differita ghall-kontro-ezami tieghu. Dan kollu jsahhah, il-konkluzjoni tal-Qorti li, l-imputat Spagnol implicitament irrinunzja ghat-talba tieghu li l-parte civile jerga' jixhed mill-gdid.

33. Fl-ahhar seduta qabel din il-kawza giet differita ghas-sentenza, u cioe dik tal-20 ta' Novembru 2019, il-Prosekuzzjoni regghet iddikjarat li Touarha ghadu mahrub u ghadu ma jistax jinstab.[13] F'dik is-seduta, id-difiza ivverbalizzat hekk:
*"Dr Arthur Azzopardi u Dr Edward Gatt ghall-imputati rispettivi li qed jippratroccinaw jirrilevaw illi l-parte civile Touarha fil-proceduri li nbdew nhar is-16 ta' Lulju 2008 (fol. 201)*

[12] Ara fol. 302 tal-process.
[13] Ara fol. 314 tal-process.

*sal-mument li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha ossia fol. 244 nhar it-18 ta' Dicembru 2009*[14] *baqghet qatt ma gabet lill-parte civile biex jixhed."*
Id-difiza regghet irripetiet din l-istess sottomissjoni fit-trattazzjoni finali.

34. Din is-sottomissjoni m'hix legalment u fattwalment korretta, u dan ghaliex kif gie fuq spjegat l-imputat Ebejer kien ezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttella' x-xhieda, inkluz allura lill-parte civile, fis-seduta stess tas-16 ta' Lulju 2018, u l-imputat Spagnol kien fl-istess seduta implicitament irrinunzja ghat-talba tieghu li l-parte civile jerga' jixhed. U jekk ghal grazzja tal-argument biss kien hemm xi dubbju fuq din ir-rinunzja da parte tal-imputat Spagnol, dan id-dubbju zgur tnehha bil-verbal li sar fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, fejn huwa ezenta lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' x-xhieda kollha prodotti, minghajr ma talab li jerga' jixhed il-parte civile.

35. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din is-sottomissjoni tad-difiza qieghda tigi michuda.

*Il-Meritu*

36. Jibda biex jinghad l-istqarrijiet tal-imputati ittiehdu fl-2007, fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti li suspett jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ghalhekk fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, di principju dawn l-istqarrijiet ghandhom jigu skartati.

37. Pero fil-kaz odjern, l-imputat Ebejer ghazel joffri d-deposizzjoni tieghu, fejn debitament assistit mil-avukat legali tieghu ikkonferma l-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-Pulizija bil-gurament tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi partikolari, il-Qorti certament ma tistax tiskarta l-istqarrija tal-imputat Ebejer, ghalkemm fit-trattazzjoni orali d-difiza ghamiltha cara li mhux qed titlob li tigi skartata.

[14] Ghal korrettezza jinghad li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li ghalqet il-provi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2009 (ara fol. 225 tal-process), pero ghal xi raguni inspjegabbli fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2009, il-Prosekuzzjoni regghet iddikjarat li qed tghalaq il-provi.

38. Fir-rigward tal-imputat Spagnol, ghalkemm dan ghazel li ma jixhedx, fit-trattazzjoni orali l-avukat difensur tieghu ghamilha cara li mhux se jitlob l-isfilz tal-istqarrija, ghax bhal fil-kaz tal-imputat Ebejer, skond id-difiza, l-istqarrijiet li huma irrilaxxaw bl-ebda mod ma jinkriminawhom.

39. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq din il-Qorti m'hix se tiskarta x-xhieda tal-parte civile. Ghalkemm din il-kwistjoni ma gietx sollevata fis-sottomissjonijiet finali tad-difiza, il-Qorti tirrileva ghal kull buon fini li meta xehed Touarha, id-difiza taz-zewg imputati ghazlet li tirrizerva l-kontro-ezamijiet. Issa fil-kaz odjern jirrizulta li Touarha telaq minn Malta fil-mori tal-proceduri, u ghalkemm saru diversi tentattivi mill-Prosekuzzjoni biex jigi rintraccat, sabiex jixhed in kontro-ezami, dawn kienu kollha inutli. Konsegwentement, id-difiza spiccat fl-impossibilita li taghmel il-kontro-ezami tal-parte civile.

40. L-Artikolu 393 tal-Kodici Kriminali li jirregola l-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja jippreskrivi illi: *"L-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lix-xhud u l-mistoqsijiet tiegħu, flimkien mat-tweġiba, għandhom jitniżżlu wara l-eżami."*

41. Imbaghad l-Artikolu 405(3) tal-Kodici Kriminali li jittratta *inter alia* meta l-Avukat Generali jibghat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja u jitlob l-ezami jew l-ezami mill-gdid ta' xhieda jippreskrivi illi *"L-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda għandu jsir quddiem l-imputat, sabiex hu jkun jista' jagħmel il-kontro-eżami, u, għal dan il-ħsieb, il-qorti tordna li l-akkużat, jekk ikun arrestat, jinġieb quddiem il-qorti, u jekk ma jkunx arrestat, illi jiġi mħarrek biex jidher quddiemha."*

42. Minn dawn iz-zewg disposizzjonijiet huwa ovvju li l-legislatur ried li l-kontro-ezami ta' xhud isir immedjatament wara l-ezami. Fil-fatt, din il-Qorti, minn tfittxija li ghamlet, ma irrizultala l-ebda disposizzjoni tal-Kodici Kriminali li tawtorizza li ghall-inqas quddiem il-Qorti Istruttorja, l-kontro-ezami ma jsirx wara l-ezami tax-xhud u li dan "jigi rizervat" lid-difiza.

43. Din il-Qorti hija konsapevoli li hija l-prassi ghall-inqas fil-Qorti Istruttorja li l-kontro ezami tad-difiza jigi rizervat. Pero din il-Qorti, kif preseduta, tixtieq taghmilha cara li hija ma taqbilx ma dina l-prassi u li jista' jkun hemm argumenti fis-sens li din il-prassi mhux biss hija *praeter legem*, izda tista' anke tigi ikkunsidrata li hija sahansitra *contra legem.*

44. Fi kwalunkwe kaz, meta d-difiza tiddeciedi li tirrizerva l-kontro-ezami ta' xhud, hija tkun qed tiehu decizjoni strategika a beneficcju taghha, pero il-konsegwenzi taghha u r-riskji tad-decizjoni taghha trid tgawdihom jew tbatihom hi. Dan ghaliex fil-mori tal-proceduri, xhud li jkun diga iddepona jista' mhux biss jitlaq minn Malta jew ma jigix rintraccat bhal fil-kaz odjern, imma wkoll imut jew jimrad b'mod li ma jkunx iktar kapaci jiddeponi fil-Qorti. Dawn ir-riskji kollha assumiethom id-difiza bid-decizjoni strategika taghha, u ghalhekk il-fatt li sussegwentement kien impossibli ghaliha taghmel il-kontro-ezami huwa *imputet sibi*, u certament mhix raguni valida ghalfejn din il-Qorti m'ghandhix tiehu konjizzjoni tax-xhieda tal-parte civile.

45. Fix-xhieda tieghu Touarha xehed li waqt li kien qieghed fis-Sliema Wonderers Supporters Club, l-imputat Ebejer li kien fl-istess Club qallu biex johrog barra. Ebejer kellmu fuq incident ta' xi granet qabel fejn Touarha, li kien qed jiehu hsieb il-Balluta Band Club minflok sid il-bar Joe Debono, ma kienx halla lill-imputat Spagnol jidhol fl-istess Club. Skond Touarha dan ghamlu ghax, Joe Debono kien kecca lil Spagnol mill-Club ghax kien ittanta tfajla taht l-eta. Skond Touarha, l-imputat Ebejer hareg revolver u ippuntah lejh, u l-imputat Spagnol hareg mis-Sliema Wonderes Supporters Club, mar fil-van minn fejn gab serratizz u beda jaghtih fuq rasu bis-serratizz, u qasamlu rasu, kif ukoll gidimlu widnejh.

46. Fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu, l-imputat Ebejer ammetta li hu talab lill-parte civile johrog barra l-Club, in-naha ta' Triq Sant'Elena, ghax jghid li ried jipprova jirranga r-relazzjoni bejn l-imputat Spagnol u l-parte civile. L-imputat jghid li wara li kellmu bil-kwiet, huma regghu dahlu gewwa fil-Club, u l-parte civile xtralu drink. Huwa innega li ghamel arma ma qadd il-parte civile, sakemm l-imputat Spagnol sawwtu b'serratizz. L-imputat Ebejer qal li ma kienx prezenti meta l-parte civile garrbet il-griehi, u sar jaf bihom meta gie arrestat mill-Pulizija mid-dar tieghu. Huwa qal ukoll li lill-imputat Ebejer kien rah qabel fil-parapett tal-Club.

47. Fl-istqarrija tieghu l-imputat Spagnol cahad li kien fil-parapett tas-Sliema Supporters Club, ghalkemm ammetta li ghadda minn quddiemu ghal habta tas-seba' ta' fil-ghaxija (7.00pm), pero jghid li ma waqafx f'dan il-Club. Huwa cahad li kellu xi jghid mal-parte civile dwar id-dhul tieghu fil-Balluta Band Club, pero ammetta li kien ilu ma jmur hemm xi xahrejn.

Pero jghd li dan ghamlu min rajh u mhux ghax gie imkecci. Hu nnega l-allegazzjonijiet kollha li ghamel il-parte civile.

48. Luke Calleja xehed li ghalkemm fil-lejl in kwistjoni hu kien qieghed fis-Sliema Wonderers Supporters Club, hu ma ra u sema xejn. Jghid li dak in-nhar ma rax lill-imputat Spagnol, pero l-imputat Ebejer kien qieghed fil-Club. Hu jghid li l-barman talbu johrog mill-Club ghax ried jghalaq, u hu u hiereg ra lill-Pulizija gejjin.

49. Niki Pace xehed li fil-lejl in kwistjoni kien qieghed ukoll fis-Sliema Wonderers Supporters Club. Jghid li l-imputat Ebejer u l-parte civile kienu hemm ukoll. Dan ix-xhud ukoll jghid li ma sema' xejn waqt li kien fil-Club. Jghid ukoll li hareg mill-Club ma' Luke Calleja, pero ma rax Pulizija. Jghid li dak in-nhar ma rax lill-imputat Spagnol hdejn jew gewwa l-Club.

50. Joseph Debono xehed li qabel hu kien jiehu hsieb il-bar tal-Kazin tal-Karmnu, f'Tas-Sliema. Huwa xehed li gieli kien jallarga ftit u jhalli l-bar f'idejn Touarha. Huwa xehed li Touarha kien qallu li kellu xi kwistjoni ma' l-imputati, pero hu xehed li qatt ma kellu kwistjoni maghhom, u cahad li qatt kecca lill-imputat Spagnol mill-bar tal-kazin. Pero ammetta li kellu argument mal-imputat Spagnol fuq min minnhom kellu l-iktar karozza li tigri.

51. PS 1136 Fabian Fleri xehed li wara li l-parte civile ghamlet rapport l-ghassa ta' Tas-Sliema, huwa nizel fuq il-lok tal-incident fejn quddiem in-No 240, Triq Sant'Elena Sliema, sab dmija ma l-art u fuq karozza pparkjata quddiem l-istess fond innota marki ta' l-idejn u dmija wkoll. Minn hemm mar fir-residenza tal-imputat Ebejer, li joqghod fl-istess triq. PS 1136 jghid li Spagnol qallu li meta kien fil-Club innota lill-parte civile jiehu drink mal-imputat Spagnol. Hu talab lill-parte civile biex johrog barra ghax ried ikellmu, u wara li kellmu rega' dahal lura fil-Club. PS 1136 jghid li l-imputat Ebejer innega li l-feriti li sofra l-parte civile saru minnu jew li kien prezenti meta saru. Ghalkemm saret tfittxija fid-dar u fil-vettura tieghu, din irrizultat fin-negattiv.

52. Din il-Qorti, kif preseduta, hija konvinta, bhal kif kienet din il-Qorti diversament preseduta, li x-xhieda Luke Calleja u Niki Pace ma xehdux il-verita jew ma qalux il-verita kollha. Din il-Qorti lanqas issib lix-xhud Joseph Debono tant kredibbli stante li l-ewwel jghid li ma kellu xi jghid ma hadd mill-imputati, pero sussegwentement jghid li kellu argument mal-

imputat Spagnol dwar min minnhom kellu l-iktar karozza tigri – argument purament tat-tfal, u mhux ta’ zewg irgiel maturi.

53. Certament mill-provi migjuba jidher li l-incident gara quddiem is-Sliema Supporters Club. Pero ghalkemm jirrizulta li kien hemm demm fit-triq u anke marki ta’ swaba u demm fuq vettura ipparkjata fil-vicinanzi, il-Prosekuzzjoni ma deherlix li kellha televa kampjuni tad-demm, kif ukoll il-marki ta’ swaba a fini ta’ paraguni. Il-Prosekuzzjoni lanqas tellghet lill-barman tas-Sliema Wonderers Supporters Club jixhed, ghalkemm skond ix-xhud Luke Calleja ghal xi raguni talab lill-klijenti li kellu johorgu ghaliex ried jghalaq il-Club, u dan ftit minuti qabel gew il-Pulizija. Dan il-barman seta’ wkoll jindika persuni ohra li kienu fil-bar fil-hin tal-incident. Lanqas hu verosimili li l-parte civile ma bediex jghajjat meta gie aggredit. Dan nonostante, ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni kellmet lil girien li joqghodu biswit jew faccata tal-Club biex tivverifika jew rawx jew semghux xi haga.

54. Ir-revolver u s-serrattiz li allegatament intuzaw waqt din l-aggressjoni baqghu ma nstabux mill-Pulizija.

55. L-unika persuna, apparti l-parte civile, li tghid li ra lill-imputat fil-parapett tal-Club hu l-imputat Ebejer u lil PS1136 qallu sahhansitra li rah jixrob fil-Club mal-parte civile. Pero, skond il-gurisprudenza stabbilita ta’ dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor.[15] Ghalhekk dak li qal jew xehed l-imputat Ebejer fil-konfront tal-imputat Spagnol mhux ammessibbli.

56. Ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti bhala provi hija x-xhieda tal-parte civile kontra x-xhieda tal-imputat Ebejer u l-istqarrija tal-imputat Spagnol. Fir-rapport tal-Pulizija jinghad li l-parte civile allega li wara li gie msawwat mill-imputat Spagnol, Nicky Pace ha s-serrattizz. Il-parte civile ma regghetx ghamlet din l-asserzjoni fix-xhieda tieghu. Pero din il-parti tar-rapport tindika li seta’ kien hemm iktar persuni, jew persuni ohra involuti f’din l-aggressjoni.

[15] Ara **Ir-Repubblika ta’ Malta vs *omissis* Ian Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali (*per* Imhallef Vincent De Gaetano) tat-22 ta’ Dicembru 1998, u id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Brian Vella.**

57. Rilevanti huwa wkoll il-fatt, li ghalkemm il-Pulizija arrestat lill-imputat Ebejer ftit minuti wara r-rapport tal-parte civile, li sar immedjatament wara l-aggressjoni, ma jidher li nstab xejn – lanqas fuq hwejjgu jew gismu – li jista' jikkomforta l-allegazzjoni tal-parte civile. L-imputat Spagnol gie arrestat iktar tard – xi 3.00pm – ghaliex meta marru l-Pulizija jhabbtu l-bieb ma fetahx, ghax qal li kien rieqed u ma semaghhomx. Irrispettivament jekk din il-Qorti temminx li l-imputat Spagnol vera kien rieqed, jibqa' l-fatt li l-Pulizija ma sabu xejn li jista' jinkriminah. L-unika haga li tirrizulta mill-provi hi l-imputat Spagnol u l-parte civile kellhom xi forma ta' disgwid bejniethom qabel dan l-incident. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax ragonevolment teskludi li l-parte civile ma kellux xi motiv jakkuza lill-imputat Spagnol bil-feriti li soffra.

58. Is-Supretendent Stephen Gatt xehed li l-parte civile ma nfurmahx li kien se jitlaq minn Malta sabiex itih post jew mod kif jikkuntattjah, jekk ikollu bzonnu, u sabiex jinfurmah bl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk jidher li minkejja l-griehi ta' natura gravi li sofra, il-parte civile ma baqghax aktar interessat f'dawn il-proceduri. Ghalkemm il-parte civile certament ma kellhix obbligu li tibqa' Malta pendenti dawn il-proceduri, din in-nonkuranza assoluta da parte tal-parte civile f'dawn il-proceduri timmina kontra l-kredibilita tax-xhieda tieghu.

59. F'dan l-istat tal-provi, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra z-zewg imputati lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Konkluzjoni**

60. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, issib liz-zewg imputati mhux hatja tar-reati kollha elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2008, u qed tilliberahom minnhom.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**